



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Marzu 2020
(OR. en)

6587/1/20
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0039 (NLE)

AUDIO 10
RELEX 187
COMER 26

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Marzu 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 92 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-estensjoni tal-perjodu ta' intitolament għall-koproduzzjonijiet awdjoviżivi kif previst fl-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali anness mal-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 92 final.

Mehmuż: COM(2020) 92 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.3.2020
COM(2020) 92 final

2020/0039 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-estensjoni tal-perjodu ta' intitolament għall-koproduzzjonijiet awdjoviżivi kif
previst fl-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali anness mal-Ftehim
ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda,
u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTA) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Korea ġie ffirmat fis-6 ta' Ottubru 2010 u ġie konkluż fl-2015 bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2169 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra ("id-Deċiżjoni"). Il-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali (minn hawn 'il quddiem: il-Protokoll), konkluż mill-Partijiet fi ħdan il-qafas tal-FTA, stabbilixxa qafas li fih il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jiffaċilitaw l-iskambji fl-attivitajiet kulturali, fl-oġġetti u s-servizzi, inkluż fis-settur awdjoviżiv, u biex itejbu l-kundizzjonijiet li jirregolaw tali skambji.

Bil-Protokoll, il-Partijiet, f'konformità mal-leġislazzjoni rispettiva tagħhom, qablu fost l-oħrajn li jagħtu intitolament għall-koproduzzjonijiet awdjoviżivi bejn il-produtturi mill-Parti tal-UE u l-Korea li jibbenefikaw mill-iskemi rispettivi tagħhom għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali lokali/reġjonali skont ċerti kundizzjonijiet speċifiċi.

Tali koproduzzjonijiet jistgħu jitqiesu bħala xogħlijiet Ewropej fi ħdan l-UE u x-xogħlijiet Koreani fi ħdan l-Korea, sakemm dawn jirrispettaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tal-Protokoll (ara b'mod partikolari l-punti 8(a) sa (c)).

Dan l-intitolament ġie stabbilit għal perjodu ta' tliet snin (mill-1 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Ġunju 2014) u ġie mġedded darbtejn għal tliet snin oħra. L-ewwel tiġdid baqa' applikabbli sat-30 ta' Ġunju 2017, filwaqt li l-intitolament attwali jibqa' applikabbli sat-30 ta' Ġunju 2020. Issa qed jiġi propost li l-Kunsill jagħmel dikjarazzjoni dwar it-tiġdid tal-intitolament għal tliet snin oħra.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Is-sottoprogramm tal-MEDIA Ewropa Kreattiva jappoġġja l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej minn pajjiż Ewropej parteċipanti. Jistgħu jieħdu sehem taħt ċerti skemi benefiċjarji minn pajjiżi terzi dment li jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet.

Xi skemi jgħinu biex jinholq ambjent favorevoli għal koproduzzjonijiet, partikolarment l-iskemi tal-Aċċess għas-Suq u tat-Taħriġ li jiffinanzjaw is-swieq, laqgħat ta' networking u workshops, inkluż mal-Korea. Barra minn hekk, l-iskema tal-Koproduzzjonijiet Internazzjonali tgħin biex jingħaqdu l-isħab Ewropej u internazzjonali tal-koproduzzjonijiet, inkluż mill-Korea, u tipprovdi appoġġ indirett għax-xogħlijiet awdjoviżivi koprodotti b'fondi internazzjonali tal-koproduzzjoni, inkluż koproduzzjonijiet mal-Korea soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet.

• Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

Il-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali ġie konkluż mill-UE u l-Korea fl-2015 bħala parti mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles. Tqies speċifikament bħala strument għall-promozzjoni tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNESCO) tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali.

L-intitolament eżistenti jipprevedi koproduzzjonijiet appoġġati minn gruppi ta' skemi u fondi nazzjonali għall-produzzjonijiet awdjoviżivi. L-intitolament jippermetti wkoll li xogħlijiet koprodotti jikkwalifikaw bħala xogħlijiet Ewropej skont id-definizzjoni ta' xogħlijiet Ewropej imsemmija fl-Artikolu 1 (n) (iii) tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD).

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-proċedura għat-tiġdid ta' dan l-intitolament hija prevista fl-Artikolu 5 tal-Protokoll. Il-passi meħtieġa ttieħdu.

L-Artikolu 5(8) tal-Protokoll jistipula li jekk jiġi deċiż li dan l-intitolament jenħtieġ ġiggedded, jista' jiġi estiż għal perjodu ieħor ta' tliet snin u, wara din id-data, jiġi mġedded awtomatikament għal perjodi oħra suċċessivi tal-istess tul sakemm Parti ma ttemmx l-intitolament billi tagħti avviż bil-miktub mill-anqas tliet xhur qabel l-iskadenza tal-perjodu. Il-koproduzzjonijiet eżistenti qabel tali terminazzjoni xorta waħda jkunu jistgħu jibqgħu jibbenefikaw mill-iskemi rispettivi għall-promozzjoni ta' kontenut kulturali lokali/reġjonali.

Huwa opportun li ssir proposta għal Deċizzjoni tal-Kunsill rigward it-tiġdid tal-intitolament. Din il-proposta jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-Artikolu 218(6) tat-TFUE billi tikkonċerna d-dikjarazzjoni tal-estensjoni taż-żmien għall-applikazzjoni bħala parti minn ftehim internazzjonali. Ir-regoli li jiddeterminaw il-mod kif l-istituzzjonijiet tal-UE jaslu għad-deċizzjonijiet tagħhom huma stabbiliti mit-Trattat u ma humiex għad-dispożizzjoni la tal-Istati Membri u lanqas tal-istituzzjonijiet infushom. Id-Deċizzjonijiet tal-Kunsill li jikkonkludu ftehimiet internazzjonali ma jistgħux jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tat-Trattati, fir-rigward tal-proċedura għad-dikjarazzjoni tal-estensjoni tal-obbligi taż-żmien li jirriżultaw minn ftehimiet internazzjonali li huma konklużi minnhom.

• Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)

It-tiġdid tal-intitolament se jirrappreżenta opportunità għall-industrija awdjoviżiva Ewropea biex iżomm il-preżenza tagħha u tikseb sehem akbar mis-suq, esperjenza u għarfien fis-suq Korean, li qed jikber malajr.

Filwaqt li xi Stati Membri rnexxielhom iwettqu koproduzzjonijiet awdjoviżivi fuq bażi bilaterali, bosta oħrajn għadhom ma għamlux dan u għalhekk l-intitolament fil-livell tal-UE għad għandu l-potenzjal jippermetti għall-parteċipazzjoni minn għadd usa' ta' pajjiżi.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha kompetenzi limitati fir-rigward tal-produzzjoni tal-films billi dan huwa r-rwol tal-fondi nazzjonali taċ-ċinema, inkluż fir-rigward ta' koproduzzjonijiet internazzjonali. Għalhekk, sabiex jiġi implimentat fil-prattika dan il-Protokoll se jkun meħtieġ involviment akbar tal-fondi nazzjonali taċ-ċinema.

• Proporzjonalità

Studji u *data* mill-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew wrew li l-koproduzzjonijiet iwasslu għal udjenzi akbar. Fl-2017 il-films Ewropej fil-Korea kienu jammontaw għal 17 % tal-films rilaxxati, iżda għal 5 % biss tad-dħul fiċ-ċinema. Id-differenza bejn il-films rilaxxati u d-dħul fiċ-ċinema turi li hemm potenzjal kbir li mhux sfruttat u dan il-potenzjal jista' jiġi sfruttat permezz ta' kooperazzjoni aqwa. L-intitolament tal-koproduzzjoni jista' jgħin aktar opportunitajiet għall-industrija awdjoviżiva Ewropea f'termini ta' promozzjoni u

esportazzjoni lejn il-Korea u jservi ta' passaġġ lejn l-Asja. Għalhekk, l-implimentazzjoni tal-intitolament tal-koproduzzjoni għandha tgħin biex jinkiseb sehem tas-suq fi żmien meta s-suq qed jikber (ix-xejra ġenerali tal-box office fil-Korea żdiedet bi 23 % bejn l-2013 u l-2017). Madankollu, il-preżenza tal-films Koreani fl-UE hija pjuttost limitata (iċ-ċifri għall-perjodu 2014-2018 juru li s-sehem tal-films rilaxxati huwa ta' 0,4 % filwaqt li s-sehem tad-dħul huwa ta' 0,1 %).

Jidher s'issa li n-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-protokoll huwa dovut għal nuqqas ta' informazzjoni konkreta dwar l-inċentivi disponibbli għall-koproduzzjonijiet fil-livell nazzjonali. Jenħtieġ għalhekk li jittieħdu miżuri mmirati (li jkopru l-aċċess għall-finanzjament, it-taħriġ, il-bini ta' networks), fuq livell sew Ewropew sew nazzjonali.

Is-suċċess tal-koproduzzjonijiet bilaterali juri wkoll li hemm il-kapaċità u l-potenzjal biex isir aktar. F'diskussjonijiet preliminari fil-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv, l-Istati Membri indikaw li huma lesti jikkollaboraw fuq livell tal-Unjoni sabiex jiġu promossi koproduzzjonijiet fl-ambitu tal-Protokoll, billi jiġu segwiti l-eżempji tal-aħjar prassi fuq livell bilaterali.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument xieraq għal kwalunkwe dikjarazzjoni espliċita ta' tiġdid tal-intitolament huwa Deċizzjoni tal-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 218(6) tat-TFUE peress li tikkonċerna l-estensjoni taż-żmien tal-applikazzjoni ta' parti minn ftehim internazzjonali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Protokoll jipprevedi li kull Parti għandha tistabbilixxi Grupp Konsultattiv Domestiku (DAG), magħmul minn rappreżentanti kulturali u awdjoviżivi attivi fl-oqsma koperti minn dan il-Protokoll. Id-DAG tal-UE ltaq' fis-17 ta' Ottubru 2019 fi Brussell sabiex jevalwa r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-intitolament f'termini tat-tiżi tad-diversità kulturali u l-kooperazzjoni reċiproka ta' benefiċċju fuq xogħlijiet ta' koproduzzjoni. Il-partijiet ikkonċernati kkontribwixxew għall-konsultazzjoni billi bagħtu l-kummenti bil-miktub tagħhom.

B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati nnotaw in-nuqqas ta' koproduzzjonijiet awdjoviżivi bejn l-UE u l-Korea skont il-kundizzjonijiet imsemmija fil-Protokoll, kif ukoll li l-Protokoll xorta waħda għandu l-potenzjal ikun għodda utli. Esprimew li huma lesti għat-tiġdid tal-intitolament għal koproduzzjonijiet UE-Koreani, iżda kien hemm xi riżervi dwar il-valur miżjud fil-prattika, li kellu jiġi ċċarat. Il-partijiet ikkonċernati kkonkludew ukoll li jeħtieġ li ssir promozzjoni tal-Protokoll fuq il-livell tal-industrija, tal-istat u tal-UE, sabiex jiġu indikati l-vantaġġi.

Wara din il-konsultazzjoni mal-Istati Membri u fid-dawl tal-opinjoni tad-DAG, il-Kummissjoni issa qed tiġi mistiedna tapprova li l-intitolament jenħtieġ li jiġi mġedded.

- **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

Studji u *data* mill-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew urew li l-koproduzzjonijiet iwasslu għal udjenzi akbar.

Meta mqabbel ma' swieq oħra tal-esportazzjoni, fl-2017 il-films Ewropej fil-Korea kienu jammontaw għal 17 % tal-films rilaxxati, iżda għal 5 % biss tad-dħul miċ-ċinema. Id-differenza bejn il-films rilaxxati u d-dħul fiċ-ċinema turi li hemm potenzjal kbir li mhux sfruttat u dan il-potenzjal jista' jiġi sfruttat permezz ta' kooperazzjoni aqwa. L-intitolament tal-koproduzzjoni jista' jgħid aktar opportunitajiet għall-industrija awdjoviżiva Ewropea f'termini ta' promozzjoni u esportazzjoni lejn il-Korea u jservi ta' passaġġ lejn l-Asja. Għalhekk, l-implimentazzjoni tal-intitolament tal-koproduzzjoni għandha tgħin biex jinkiseb sehem tas-suq fi żmien meta s-suq qed jikber (ix-xejra ġenerali tal-box office fil-Korea żdiedet bi 23 % bejn l-2013 u l-2017). Madankollu, il-preżenza tal-films Koreani fl-UE hija pjuttost limitata (iċ-ċifri għall-perjodu 2014-2018 juru li s-sehem tal-films rilaxxati huwa ta' 0,4 % filwaqt li s-sehem tad-dħul huwa ta' 0,1 %).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Ebda.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, għall-evalwazzjoni u għar-rappurtar**

Il-Kummissjoni se tibqa' tissorvelja l-implimentazzjoni tal-intitolament tal-koproduzzjoni awdjoviżiva, bl-użu ta' *data* mill-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew u mill-industrija, partikolarment fir-rigward tas-settur tal-animazzjoni.

Darba fis-sena, Kumitat ta' Kooperazzjoni Kulturali jiltaqa' bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri fuq naħa u r-Repubblika tal-Korea fuq l-oħra sabiex jiġi mmonitorjat il-progress u diskussi l-isfidi u l-opportunitajiet.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-intitolament se jiġi estiż għal tliet snin oħra, sa Ġunju 2023. L-intitolament huwa stabbilit fl-Artikolu 5 tal-Protokoll, kif ġej:

“Għall-finijiet ta’ dan il-Protokoll, koproduzzjoni tfisser xogħol awdjoviżiv magħmul minn produttori ta’ sew il-Korea sew il-Parti UE li daww il-produttori jkunu investew fih skont it-termini ta’ dan il-Protokoll.

Il-Partijiet għandhom iħeġġu n-negozjar ta’ ftehimiet ġodda u l-implimentazzjoni ta’ ftehimiet eżistenti ta’ koproduzzjoni bejn Stat Membru jew aktar tal-Unjoni Ewropea u l-Korea. Il-Partijiet jafferaw mill-ġdid li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Korea jistgħu jagħtu benefiċċji finanzjarji lil xogħlijiet awdjoviżivi koprodotti kif definit skont ftehimiet ta’ koproduzzjoni eżistenti jew futuri li għalihom huma partijiet wieħed jew aktar Stati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Korea.

Il-Partijiet, f’konformità mal-leġislazzjoni rispettiva tagħhom, għandhom jiffaċilitaw il-koproduzzjonijiet bejn il-produttori mill-Parti tal-UE u l-Korea, inkluż permezz tal-intitolament biex il-koproduzzjonijiet igawdu mill-iskemi rispettivi tagħhom għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali lokali/reġjonali.

Xogħlijiet awdjoviżivi koprodotti għandhom ikunu intitolati li jibbenefikaw mill-iskema tal-Parti tal-UE għall-promozzjoni ta’ kontenut kulturali lokali/reġjonali msemmi fil-forma ta’ kwalifika bħala xogħlijiet Ewropej skont l-Artikolu 1(n)(i) tad-Direttiva 89/552/KEE kif emendata permezz tad-Direttiva 2007/65/KE¹, jew permezz tal-emendi suċċessivi tagħha għall-iskopijiet tar-rekwiżiti għall-promozzjoni tax-xogħlijiet awdjoviżivi kif previst mill-Artikoli 4.1 u 3.i.1 tad-Direttiva 89/552/KEE kif emendata permezz tad-Direttiva 2007/65/KE, jew permezz tal-emendi suċċessivi tagħha². Xogħlijiet awdjoviżivi koprodotti għandhom ikunu intitolati li jibbenefikaw minn skemi Koreani għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali lokali/reġjonali msemmija fil-paragrafu 3 fil-forma ta’ kwalifika bħala xogħlijiet Koreani għall-finijiet tal-Artikolu 40 tal-Promotion of Motion Pictures and Video Products Act (Act No. 9676, May 21, 2009), jew l-emendi suċċessivi għalih u l-Artikolu 71 tal-Broadcasting Act (Act No. 9280, Dec. 31, 2008), jew l-emendi suċċessivi għalih u n-Notice on Programming Ratio (Korea Communications Commission Notice No. 2008-135, Dec. 31, 2008), jew l-emendi suċċessivi għalih.

L-intitolament għall-koproduzzjonijiet biex jibbenefikaw mill-iskemi rispettivi għall-promozzjoni ta’ kontenut kulturali lokali/reġjonali għandu jingħata skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Ix-xogħlijiet awdjoviżivi koprodotti jsiru bejn intrapriżi li għandhom sjieda u jibqgħu bi sjieda, direttament jew inkella b’shem maġġoritarju, ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea rispettivament u/jew ta’ ċittadini ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ta’ ċittadini tal-Korea rispettivament;

¹ L-aktar emenda riċenti kienet id-Direttiva 2018/1808/UE li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b’reġolament jew b’azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta’ servizzi tal-media awdjoviżiva (id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta’ realtaziet tas-suq li qed jinbiddu, *ĠU L 303, 28.11.2018*

² Ara n-nota ta’ qiegħ il-paġna 1; l-AVMSD riveduta ssaħħaħ il-promozzjoni ta’ xogħlijiet Ewropej peress li fl-Artikolu 13.1 tesiġi li s-servizzi tal-video on demand jiżguraw li l-katalgi tagħhom ikollhom mill-inqas sehem ta’ 30 % ta’ xogħlijiet Ewropej u li dawn ix-xogħlijiet jingħataw prominenza.

(b) Id-direttur(i) jew manager(s) rappreżentattivi tal-intrapriżi koprodutturi jkollhom in-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u l-Korea rispettivament u jistgħu juru d-domiċilju tagħhom hemm;

(c) Il-parteċipazzjoni tal-produtturi minn żewġ Stati Membri tal-Unjoni Ewropea tkun meħtieġa għal kull xogħol awdjoviżiv koprodott, għajr xogħlijiet ta' animazzjoni. Fir-rigward tax-xogħlijiet ta' animazzjoni, tkun meħtieġa l-parteċipazzjoni ta' produtturi minn tliet Stati Membri tal-Unjoni Ewropea. Il-proporzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja ta' produttur jew produtturi ta' kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandha tkun ta' mhux inqas minn 10 fil-mija;

(d) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minimi rispettivi għal xogħol awdjoviżiv koprodott għajr xogħlijiet ta' animazzjoni, tal-produtturi tal-Parti tal-UE (meħuda flimkien) u l-produtturi tal-Korea (meħuda flimkien) ma jistgħux ikunu inqas minn 30 fil-mija tal-kost totali tal-produzzjoni tax-xogħol awdjoviżiv. Fir-rigward tax-xogħlijiet ta' animazzjoni, din il-kontribuzzjoni ma tistax tkun inqas minn 35 fil-mija tal-kost totali tal-produzzjoni;

(e) Il-kontribuzzjoni tal-produtturi ta' kull Parti (meħudin flimkien) tinkludi parteċipazzjoni teknika u artistika effettiva u huwa assigurat bilanċ bejn il-kontribuzzjonijiet taż-żewġ Partijiet. B'mod partikolari, f'xogħlijiet koprodotti għajr xogħlijiet ta' animazzjoni, il-kontribuzzjoni teknika u artistika tal-produtturi ta' kull Parti (meħudin flimkien) ma għandhiex tvarja b'iktar minn 20 punt perċentwali meta mqabbla mal-kontribuzzjoni finanzjarja u fl-ebda każ ma tista' tirrapreżenta aktar minn 70 fil-mija tal-kontribuzzjoni globali. Fir-rigward ta' xogħlijiet ta' animazzjoni, il-kontribuzzjoni teknika u artistika tal-produtturi ta' kull Parti (meħudin flimkien) ma għandhiex tvarja b'iktar minn 10 punti perċentwali meta mqabbla mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom u fl-ebda każ ma tista' tirrapreżenta aktar minn 65 fil-mija tal-kontribuzzjoni globali;

(f) Il-parteċipazzjoni f'xogħol awdjoviżiv koprodott ta' produtturi minn pajjiżi terzi li rratifikaw il-Konvenzjoni tal-UNESCO hija aċċettata sa massimu ta' 20 fil-mija, fejn possibbli, tal-kostijiet totali tal-produzzjoni u/jew tal-kontribuzzjoni teknika u artistika għax-xogħol awdjoviżiv."

Il-Partijiet jafferaw mill-ġdid li l-intitolament għall-koproduzzjonijiet biex igawdu mill-iskemi rispettivi tagħhom għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali lokali/reġjonali jassigura benefiċċji reċiproċi, u li l-koproduzzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji jingħataw l-istatus ta' xogħlijiet Ewropej/Koreani rispettivament mingħajr ebda kundizzjoni addizzjonali.

L-intitolament għall-koproduzzjonijiet biex jibbenefikaw mill-iskemi rispettivi għall-promozzjoni ta' kontenut kulturali lokali/reġjonali huwa stabbilit għal perjodu ta' tliet snin.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-estensjoni tal-perjodu ta' intitolament għall-koproduzzjonijiet awdjoviżivi kif previst fl-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali anness mal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 167 (3), flimkien mal-Artikolu 218 (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2015/2169 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra.

(2) Il-Ftehim fih Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali ("il-Protokoll") li, skont l-Artikolu 1 tiegħu, jistabbilixxi l-qafas li fi ħdanu l-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jiffaċilitaw l-iskambji li jirrigwardaw l-attivitàjiet, l-oġġetti u s-servizzi kulturali, inkluż fost oħrajn, fis-settur awdjoviżiv.

(3) Skont l-Artikolu 5(8)(b) tal-Protokoll, wara l-perjodu inizjali ta' tliet snin, l-intitolament jiġġedded għall-perjodi oħra suċċessivi tal-istess tul sakemm Parti ma ttemmx l-intitolament billi tagħti avviż bil-miktub mill-anqas tliet xhur qabel l-iskadenza tal-perjodu inizjali jew kwalunkwe perjodu suċċessiv ieħor.

(6) Il-Grupp Konsultattiv Domestiku stipulat fl-Artikolu 3(5) tal-Protokoll ġie kkonsultat dwar l-estensjoni tal-perjodu tal-intitolament, kif previst fl-Artikolu 5(8) tal-Protokoll.

(7) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni ma taffettwax il-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kunsill jiddikjara t-tiġdid tal-intitolament għall-koproduzzjonijiet awdjoviżivi li jibbenefikaw mill-iskemi rispettivi tal-Partijiet għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali lokali/reġjonali kif previst fl-Artikolu 5 tal-Protokoll, għal perjodu ta' tliet snin, mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*